ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2024**

**IT-TMIEN SENA** **IL-MALTI** **L-ISKEMA TAL-MARKI**

| | | | **Il-marka** |
|---|---|---|---|
| | **Il-Fehim mis-Smigħ: It-Titanic (ma jitnaqqsux marki għal żbalji ortografiċi)** | | **10 marki** |
| | **Taħriġ A** | | |
| 1. | għoli | | **marka** |
| 2. | kompartiment | | **marka** |
| 3. | kmamar | | **marka** |
| | **Taħriġ B** | | |
| 4. | li t-Titanic ma seta' jegħreq b'xejn | | **marka** |
| 5. | sena | | **marka** |
| 6. | *Tnejn minn:* | ġimm<br>pixxina<br>librerija<br>kort tat-tenis<br>kenn għall-klieb tal-passiġġieri | **nofs marka għal kull tweġiba tajba** |
| | **Taħriġ Ċ** | | |
| 7. | Il-kumpanija tal-vapuri li bniet it-Titanic | | **marka** |
| 8. | Il-post fejn infirex il-qafas tat-Titanic | | **marka** |
| 9. | It-tul tat-Titanic mill-poppa sal-pruwa | | **marka** |
| 10. | Meta tniżżel fl-ilma għall-ewwel darba t-Titanic | | **marka** |
| 11. | Il-kaptan tat-Titanic | | **marka** |
| 12. | L-ammont ta' ħaddiema abbord it-Titanic | | **marka** |
| | **Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** | | **20 marka** |
| 1. | Xrobb l-Għaġin *jew* fuq xtajta ħdejn il-baħar | | **marka** |
| 2. | *Tnejn minn:* | Kien il-post fejn iltaqgħu ommu u missieru<br>Kielu mill-ħut li kien jaqbad missieru minn hemm<br>Fejn tgħallem imidd l-ewwel passi (jimxi)<br>Fejn tgħallem jgħum<br>Fejn tgħallem x'taf toffri l-ħajja | **2 marki** |
| 3. | Iċċelebra s-suċċessi li kellu mal-ħbieb filwaqt li l-fallimenti bkiehom waħdu (ma sabx min jgħinu). | | **2 marki** |
| 4. | Serħan mill-moħħ jew mill-ħsieb u mhux mill-ġisem. *(Aċċetta tweġibiet simili.)* | | **marka** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5. | *Tnejn minn:* | l-għelieqi mtarrġa<br>il-ħitan tas-sejjieħ imżaqqa<br>l-għorfa jew il-girna<br>ir-razzett bis-setaħ | | **2 marki** |
| 6. | Dak li jieħu ħsieb il-bhejjem bħan-nagħaġ u l-mogħoż. | | | **marka** |
| 7. | It-tbatija li kienu jgħaddu minnha fix-xogħol tagħhom biex jaqilgħu x'jieklu.<br>*(Aċċetta tweġibiet simili.)* | | | **marka** |
| 8. | Il-ġmiel tal-inħawi jixtieq jibqa' kif inhu u ma jingħatax f'idejn l-iżviluppaturi biex jibnew it-toroq u d-djar peress li dawn iġibu magħhom kull ħaġa li ttebbgħu darba għal dejjem.<br>*(Aċċetta tweġibiet simili.)* | | | **2 marki** |
| 9. | **a.** bla saħħa / għajjien ħafna | **b.** għoli ħafna / imdaqqas | **ċ.** jagħtuni wens / kenn | **3 marki** |
| 10. | **a.** imqades | **b.** imġarraf | **ċ.** ħemda | **3 marki** |
| | **MARKI GĦALL-ORTOGRAFIJA / PUNTEĠĠJATURA** | | | |
| | It-tweġibiet kollha fihom **aktar minn 3 żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura. | | **0** | **2 marki** |
| | It-tweġibiet kollha ma fihomx **aktar minn 2 żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura. | | **1** | |
| | It-tweġibiet kollha **m'għandhomx żbalji** tal-ortografija u tal-punteġġjatura. | | **2** | |

| | **Il-Metalingwa<br>(F'din it-taqsima, jekk f'xi tweġiba l-istudenti jkollhom żball ortografiku, ma jeħdux il-marka allokata.)** | **13-il marka** |
|---|---|---|
| 1. | sagħtejn<br>jirriċerkaw<br>mija u sebgħa u sittin<br>iktar informattiv<br>mil-<br>ma baqgħux | **6 marki** |
| 2. | **a.** Min-Naxxar sa Ħad-Dingli hemm iktar minn **<u>disgħa</u>** kilometri. / **disa'**<br>**b.** Huma **<u>qgħadu</u>** jilagħbu fuq iz-zuntier tal-knisja. / **qagħdu**<br>**ċ.** Ma **<u>mornix</u>** nieklu mil-lukanda tas-soltu iżda morna l-każin. / **morniex**<br>**d.** Ilbieraħ morna naraw wirja **<u>maħħom</u>** fil-każin ta' San Robertu. / **magħhom** | **4 marki**<br>(tingħata nofs marka għal kull żball indikat u nofs marka oħra għall-kelma miktuba tajba) |
| 3. | Il-librerija ta' Ħal Sebħ infetħet f'lejla tar-rebbiegħa mill-**O**nor. Peter Camenzuli. Tbierket mill-**A**rċipriet Dun Mikiel Borg, li beda d-diskors tiegħu billi staqsa lis-Sebħin**,** **"**Kemm**-**il ktieb qrajtu f'ħajjitkom**?"** | **3 marki**<br>(tingħata nofs marka għal kull sinjal tal-punteġġjatura) |

| | | |
|---|---|---|
| | **Taqsima B: Il-Kitba (Ara t-tabella tal-assessjar f'paġna 4)** | **25 marka** |
| | **Taqsima Ċ: Il-Letteratura (Il-Poeżija)**<br>**GĦANJA LILL-QAMAR *ta'* Anton Buttigieg** | **15-il marka** |
| 1a. | Saffika | **marka** |
| b. | Kull strofa hija **kwartina** għax fiha 4 versi: **tliet versi tal-11 (endekasillabu) u ieħor tal-5 (kwinarju)** u **rima ħielsa (libera)**.<br>*(Agħti ż-żewġ marki jekk jissemmew imqar 2 karatteristiċi indikati bil-grassett.)* | **2 marki** |
| 2. | traxxax (v. 2) / Onomatopea | **2 marki** |
| 3. | Biex il-poeta, permezz tal-ittri 'x', jistedinna nisimgħu l-ħoss tar-raxx tax-xita nieżel fuq il-ħaxix. *(Agħti marka jekk tiġi kkwotata biss l-alliterazzjoni.)* | **2 marki** |
| 4. | Il-poeta qed jistħajjel il-qamar li:<br>qisu pittur li jagħti ħajja ġdida lix-xbihat ġodda tan-natura li kapaċi joħloq;<br>qisu daqqaq għax iqabbel il-muntanji, il-widien u l-għadajjar tas-sema u l-art mal-arpa, filwaqt li 'subgħajh' jiffurmaw is-sinfonija;<br>qisu poeta li bil-kitbiet u l-ħsibijiet joħloq dinja ġdida bil-versi tiegħu. | **2 marki** |
| 5. | Għax il-qamar jibqa' jsaltan fis-sema "kemm idum iż-żmien" u "l-mewt ma taħfnek qatt" (ma jmut qatt). | **2 marki** |
| 6. | Fil-poeżija, jidher li l-poeta għandu għal qalbu ħafna l-qamar, tant li qiegħed kontinwament jippersonifikah jew jistmah daqslikieku kien xi persuna. Hekk sa mill-bidu tal-poeżija (vers 2) jindirizza lill-qamar permezz ta' Indirizz Poetiku (Apostrofu Dirett). Wara jagħti lill-qamar is-sens tal-ħars, *"qgħadt tara l-logħba bejn il-ħjut tax-xita"* (v.6), kif ukoll dak tas-smigħ, *"sieket smajt ir-raxx iħaxwex / fil-ħaxix niexef, smajt għanja qasira minn fomm l-imwieżeb, u mill-wiżż imxarrba / għajta ta' ħarba* (vv. 9-12). Jistħajjel ukoll il-qamar iħażżeż b'pinzell u jilmaħ fih il-kwalitajiet ta' pittur, ta' daqqaq jew mużiċist u ta' poeta.<br>*(Aċċetta kummenti u interpretazzjonijiet oħra li jagħmlu sens u qassam il-marki skont l-ideat mogħtija.)* | **4 marki** |

## It-Tqassim tal-Marki għall-Kitba (25 marka)

| **IL-ĠENERU (2 marki)** | | | |
|---|---|---|---|
| **It-tqassim skont kif jitlob il-ġeneru** | **0** | **1** | **2** |
| | Bla tqassim | Ftit tqassim | It-tqassim kollu mistenni |
| **IL-KONTENUT (13-il marka)** | | | |
| **L-iżvilupp tal-ideat** | **0-1** | **2-3** | **4-5** |
| | Ftit ideat u ripetuti bi ftit rabta mat-tema | Għadd ta' ideat b'xi ripetizzjonijiet u marbuta mat-tema mhux dejjem u għalkollox | Ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti |
| **Is-sekwenza/koerenza u rabta bejn il-partijiet** | **0** | **1** | **2** |
| | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix | Ftit rabta minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara | Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba |
| **L-istil** | **0** | **1** | |
| | Bla ebda stil u ma tidhirx li hija kitba | Hemm stil mexxej u li ssegwi tajjeb | |
| **L-espressjoni u l-lessiku** | **0** | **1-2** | **3** |
| | Kitba li ma fihiex espressjonijiet u b'lessiku nieqes | Għadd ta' espressjonijiet u firxa ta' lessiku limitat marbut mat-tema | Kitba mimlija espressjonijiet mexxejja u b'lessiku wiesa' |
| **L-eċċellenza fil-kitba** | **0** | **1** | **2** |
| | Kitba mhux ta' kwalità u oriġinalità | Kitba li tersaq lejn kwalità tajba u l-oriġinalità | Kitba ta' kwalità u oriġinali |
| **IL-METALINGWA (10 marki)** | | | |
| **Il-punteġġjatura** | **0** | **1** | **2** |
| | Bla sinjali bażiċi tal-punteġġjatura | Għadd ta' sinjali bażiċi nieqsa jew użati ħażin | Il-punteġġjatura bażika hija użata tajjeb minkejja xi nuqqasijiet żgħar |
| **Is-sintassi** | **0** | **1** | **2** |
| | Is-sentenzi sempliċi huma nieqsa mill-elementi bażiċi | Użu mħallat tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi bi ftit li xejn żbalji | Użu mħallat tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi bla żbalji |
| **L-ortografija** | **0-1** | **2-3** | **4** |
| | Kitba li fiha bejn 9-12-il żball differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 4-8 żbalji differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 3 żbalji differenti |
| **Il-morfoloġija** | **0** | **1** | **2** |
| | Kitba li fiha ħafna żbalji grammatikali | Kitba li fiha ftit li xejn żbalji grammatikali | Kitba li ma fihiex żbalji grammatikali |